# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Nru 1692**

**Kaz Nru 2161 HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Dr. Stefan Fenech**

**u**

**1) The Golden Shepherd Group Limited (Reg No 14948)**

**2) Dr Frank Portelli f'ismu propju u ghan-nom ta St. Philip Hospital.**

**Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.**

11 APR 2006

**Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK)**

**Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet irreferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fit-30 ta' Dicembru 2003, biex tigi processata mit-Tribunal Industrijali skond it-Termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002, dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.**

**Dr. Stefan Fenech li minn issa jidher bhala l-Appellent kien assistit mill-Avv. George Abela. Ghas-Socjeta intimata deher Dr Frank Portelli assistit mill-Avv. Arthur Galea Salomone.**

**Fl-istqarrija tal-kaz l-Appellant jghid, li kien impjegat mas-Socjeta The Golden Shepherd Group Limited f'St.Philip's Hospital bhala "Part-time Resident Medical Officer", b'kuntratt ta' impjieg datat fit-18 ta' Dicembru 1996.**

Huwa jkompli jghid fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li fit-22 ta' Ottubru 2003, Dr. Frank Portelli avzah illi l-imsemmi mpjieg tieghu kien ser jigi tterminat u li kien ser isir "self-employed". Fl'istqarrija tal-kaz huwa jkompli jghid, li meta indaga mal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig dwar it-tmiem ta' l-impieg tieghu irrizultalu, li d-data tat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu giet retroattiva mill-31 ta' Awissu 2003, kif ukoll li arbitrarjament u unilateralment l-impieg tieghu tbiddel ghal "self-employed".

L-appellant jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn talab lit-Tribunal Industrijali biex jiddikjara, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet bi ksur tal-provvediment tal-ligi u ma kienitx ghall-raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.

Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, illi t-terminazzjoni tal-impieg ta' l-appellant ma kienitx bi ksur tal-provvedimenti tal-ligi. Is-Socjeta tkompli tghid, illi Dr Stefan Fenech kien jahdem ta' Resident Medical Officer fl-Isptar St. Philips u b' koncessjoni u mhux bi dritt waqt il-hin tal-Isptar kien jara l-pazjenti privati tieghu wkoll.

Is-Socjeta tkompli tghid, li The Golden Shepherd Group giet avzata mis-socjeta tal-assikurazzjoni li din kellha diffikulta tibqa tkopri bil-polza tal-assikurazzjoni impjegati li fil-hin tax-xoghol taghhom ma l-isptar ma kienux qed jahdmu esklussivament ghall-isptar. Is-Socjeta tkompli tghid, li l-appellant gie infurmat mill-management li ma setghax jittolera stat ta' fatt fejn fl-isptar kien hemm impjegati ta' The Golden Shepherd Group Ltd. li ma kienux koperti bl-assikurazzjoni mahruga f'isem l-isptar. Ghalhekk, l-appellant gie mgharraf li x-xoghol privat tieghu fil-hin tal-isptar kellu jieqaf immedjatament jekk dan ried jibqa impjegat fl-isptar u li pero jekk xtaq li jkompli jaghmel ix-xoghol tieghu privat fl-isptar, s-socjeta The Golden Shepherd Group Ltd kienet qed ittih ix-xelta li jibqa jahdem fuq bazi ta' "self-employed". Fl-istqarrija tal-kaz is-socjeta tghid ukoll, li l-appellant gharraf lill-management li hu kellu kull intenzjoni li jibqa jaghmel ix-xoghol tieghu privat. Is-Socjeta ttemm l-istqarrija tal-kaz taghha fejn

tghid, li fic-cirkostanzi l-management avza lill-Korporazzjoni ghall-Impiegi u Tahrig, li l-impieg tar-rikorrenti ma "The Golden Shepherd Group Ltd". gie terminat u l-appellant kien qed jahdem fuq bazi ta' "self-employed". Illi ghalhekk, it-terminazzjoni tal-impieg ta' Dr. Stefan Fenech u n-notifka lill-Korporazzjoni ghall-Impiegi u t-Tahrig li dan kien qed jahdem fuq bazi ta' "self-employed" ma kienx bi ksur tal-provvedimenti tal-ligi.

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li l-appellant kien impjegat "part-time" mas-socjeta b'kuntratt datat 18 ta' Dicembru 1996, bhala "Resident Medical Officer" u l-impieg tieghu gie tterminat fil 31 ta' Awissu 2003. Mill-provi jirrizulta wkoll, li ma gietx indikata ir-raguni ta' tmiem ta' l-impieg, izda is-socjeta ddikjarat li l-istatus ta' l-impieg ta' l-appellant kien sar bhala "self-employed".

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li is-Socjeta kienet qed ssib diffikulta li tkopri b'polza ta' l-assikurazzjoni impjegati li fil-hin tax-xoghol taghhom mal-isptar ma kienux qed jahdmu eskulssivament ghall-isptar. Mill-provi jirrizulta wkoll, li fit-22 ta' Ottubru 2003, l-management ta' l-isptar informa lill-appellant li l-impieg tieghu ma l-isptar kien se jigi tterminat u li kien se jsir "self-employed".

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li meta gie tterminat l-impieg ta' l-appellant, huwa kellu jiehu minghand is-Socjeta is-somma ta' LM 2,416.03.0 li kienet komposta minn LM 1,054.03 paga dovuta lillhu u LM1,362 ghall servizz moghti fl-"out patients".

It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tieghu jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jikkunsidra, li is-Socjeta setghet kienet qed ssib diffikulta dwar polza ta' l-assikurazzjoni biex tkopri impjegati li ma kienux qed jahdmu esklussivament ghall-isptar u kien fl-interess tas-socjeta li tiehu l-mizuri neccessarji biex tissalvagwardja l-interessi taghha. Izda, it-Tribunal Industrijali jikkunsidra ukoll, l-modd ta' kif saret it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant fejn l-

appellant gie infurmat fit-22 ta' Ottubru 2003, li l-impieg tieghu gie terminat u t-terminazzjoni saret retroattivament mit-31 ta' Awissu 2003 u f'dan il-perjodu l-appellant baqa jahdem fl'isptar minghajr ma kien jaf li l-impieg tieghu kien gie terminat. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li dan kien nuqqas serju tas-Socjeta u n-nuqqas hu aktar iggravat meta is-socjeta minghajr il-kunsens ta' l-appellant iddikjarat mal-Korporazzjoni ta' l-Impiegi u Tahrig li l-istatus ta' l-impieg ta' l-appellant kien inbidel min wiehed ta' mpjegat ghal dak ta' "self employed".

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, semgha u evalwa x-xhieda prodotta u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq isib, li kien hemm nuqqas serju mill-management li ma nfurmax lill-appellant li kien se jittermina l-impieg tieghu qabel ma effettivament itterminah kif ukoll, li l-management naqas gravament meta minghajr il-kunsens ta' l-impjegat biddel l-istatus ta' l-impieg tieghu ghall "self-employed". Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-appellant ghandhu jinghata kunpenss ta' LM3,416.03.0 (tlett telef erba mija u sittax il-lira maltija u tlett centezmi) liema kumpenss ghandu jithallas mis-socjeta lill-appellant sa nhar il-Gimgha 28 ta' April 2006. Dan il-kumpenss jinkludi wkoll is-somma LM 2,416.03 dovuta lill l-appellant ghall-xoghol li wettaq ghas-Socjeta.

Ghall-iskopp tal-Avviz legali numru 48 tal-1986, it-Tribunal Industrijali jillikwida d-drittijiet ta' minn assista lill-partijiet fl'ammont ta' LM40 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Harold Walls
Chairman

Vera kopja

Vincent Micallef
Segretarju